4 ta' Ġunju, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Dr. Francesco Pullicino, M.D., et. *versus* Lorenzo Gauci

**Ilma — Drittijiet tal-Proprjetarju ta' Fond — Art. 360 tal-Kodiċi Ċivili.**

*Min għandu l-proprjetà ta' l-art għandu wkoll il-proprjetà ta' l-area ta' fuqha u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taħt wiċċ l-art; bid-drittijiet kollha li tagħtih il-liġi u bil-limitazzjonijiet imposti mill-istess liġi.*

*Il-proprjetarju ta' fond huwa padrun mhux biss ta' l-ilma li jimxi taħt il-fond tiegħu, imma wkoll ta' l-ilma li jitfaċċa taħt l-istess fond; u jista' għalhekk iħaffer u jagħmel opri u kull ma jrid ġabiex iżomm u jaħżen dak l-ilma; basta li ma jħaffera f'distanza mill-proprjetà viċina ta' ħadd ieħor li hija projbita mill-liġi, u ma jagħmelx dawk ix-xogħlijiet biss biex jagħmel ħsara lil ħadd ieħor, jew li ħadd ieħor ma jkunx akkwista b'xi mod drittijiet dwar dak l-ilma.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, wara li talbu li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, u wara li ppremettew illi l-konvenut ħaffer fl-għalqa tiegħu li qiegħda Wied il-Busbies, limiti tar-Rabat, fuq it-triq ta' l-Imtaħleb, mina, u għamel fiha diversi speijer għall-ġabra ta' l-ilma taħt l-art; li l-konvenut b'dan il-mod żamm l-ilma, jew jista' jimpedixxi l-użu tal-għajn li tinsab fl-għalqa ta' l-atturi adjaċenti għal dik tal-konvenut — liema għalqa hija soġġetta għal servitù ta' "presa d'acqua" lejn

l-għalqa ta' l-atturi — u dan billi ras il-mina, minn fejn jiskorri l-ilma għal ġo l-għalqa tagħhom, hija sitwata fil-għalqa tal-konvenut, u għal raġunijiet oħra li jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża; u li mill-konvenut, bħala proprjetarju tal-fond serventi, jinkombi d-dmir tar-"refectis" u tal-manutenzjoni tal-post li huwa soġġett għal din is-servitù f'dak l-istat li jista' jkun utili għalihom; talbu li l-konvenut ikun kundannat, fiż-żmien li tistabbilixxi dina l-Qorti, li jagħmel dak kollu li huwa meħtieġ biex l-ilma tal-għajn eżistenti fl-għalqa tagħhom jibqa' jiskorri liberament għall-użu tal-għalqa, billi okkorrendo tiġi ordnata l-inattivazzjoni tal-mina u l-ispejjer tal-konvenut fuq riferiti, fiż-żmien u fil-mod li jiġi stabbilit minn dina l-Qorti. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protest tat-18 ta' Settembru 1946;

Rikkunsidra;

Illi l-kwistjoni kollha a bażi tat-talba ta' l-atturi tirraġġira ruħha fuq il-fatt li l-konvenut fl-għalqa tiegħu, li tinsab Wied il-Busbies fil-limiti tar-Rabat, fuq it-triq ta' l-Imtaħleb, ħaffer mina u għamel diversi spejjer għall-ġabra ta' l-ilma taħt l-art, u b'dan il-mod l-atturi jippretendu li żamm l-ilma jew jista' jimpedixxi l-użu tal-għajn li tinsab fl-għalqa tagħhom adjaċenti għal dik tal-konvenut, li l-istess atturi jippretendu li hija soġġetta għas-servitù ta' "presa d'acqua" lejn l-għalqa tagħhom, billi ras il-mina minn fejn jiskorri l-ilma għal ġo l-għalqa ta' l-istess atturi hija sitwata fl-għalqa tal-konvenut, li bħala proprjetarju tal-fond serventi għandu d-dmir tar-"refectis" u tal-manutenzjoni tal-post li huwa soġġett għal dik is-servitù fl-istat li jista' jkun utili għall-istess atturi;

Rikkunsidra;

Illi t-talba attriċi, sabiex il-konvenut jagħmel dak li huwa meħtieġ biex l-ilma tal-għajn eżistenti fil-għalqa ta' l-istess atturi jibqa' jiskorri liberament għall-użu tal-għalqa tagħhom, u jekk hemm bżonn tiġi mill-konvenut ordnata l-inattivazzjoni tal-mina u l-ispejjer li għamel, tippresupponi fatt li mill-perizja l-atturi ma ppruvawx. Infatti l-atturi qegħdin jippresupponu li per mezz ta' opri magħmulin mill-bniedem taħt l-art mill-fond tal-konvenut (il-fond serventi) kien qiegħed jimxi l-ilma taħt il-fond tagħhom (fond dominanti).

sabiex imur fl-aħħar jaqa' fil-ġibjetta "G"; imma mill-indaġini li saret bil-perizja ma rriżultax minn fejn l-ispjera numru 1, li tinsab fil-fond ta' l-atturi, kienet qiegħda tirċievi l-ilma, u anzi rriżulta li bejn dik l-ispjera fuq imsemmija u l-ispjera numru 3, li tinsab f'ħabel ta' l-art tal-konvenut, li jaħbat qabel il-ħabel adjaċenti mal-għalqa ta' l-atturi fejn hemm l-ispjera numru 1 mirduma, hemm distanza relativament kbira u ma tinsab ebda kommunikazzjoni artifiċjali jew naturali bejniethom. Lanqas ma jista' jingħad, kif jidher mid-deskrizzjoni fuq magħmula u mill-pjanta tal-perit, li l-ispjera numru 3 li ġiet mill-konvenut imħaffra fuq l-art tiegħu ġiet magħmula mhux fid-distanza li trid il-liġi mill-fond ta' ħadd ieħor għall-art tiegħu adjaċenti (ara art. 476 Kodiċi Ċivili);

Del resto, skond l-art. 360 tal-Kodiċi Ċivili, min għandu l-proprjetà ta' l-art għandu wkoll il-proprjetà ta' l-area ta' fuqha u ta' dak kollu li jinsab fuq jew taħt wiċċ l-art, bid-dritt jiet hemm imsemmija, salva l-limitazzjoni espressa fil-liġi li, kif intqal fuq, għad-distanzi tat-tħaffir ġiet osservata; u dwar id-drittijiet ta' servitù oħra, ma jidherx li l-istess setgħu jiġu akkampati b'suċċess fin-nuqqas ta' prova prinċipali "di fatto" fuq imsemmija;

Illi jingħad, l-għaliex jista' jkun ta' importanza, li kieku u fil-każ l-ilma li kien qiegħed jirċievi l-attur kien ilma li l-awturi jsejħu "acque accidentali" jew "colaticcie", li l-kawża odjerna ġiet promossa wara diversi staġunijiet ta' siċċità, b'mod li n-nuqqas ta' l-ilma li qegħdin jilmentaw minnu l-atturi, apparti n-nuqqas ta' kommunikazzjoni sotterranea diretta u anki indiretta ma' l-opra tal-konvenut, mhux biżżejjed sabiex jifforma anqas bażi ta' prova induttiva, jew forsi indiretta, li l-ilma fil-għalqa ta' l-atturi naqas imħabba t-tħaffir u l-iskavi tal-konvenut fil-għalqa tiegħu, għalkemm din l-ipotesi mhix sorretta mill-premessi taċ-ċitazzjoni li jassumu s-servitù ta' "presa d'acqua" minn għajn;

Tikkunsidra;

Illi sussidjarjament jingħad ukoll li s-servitù li qegħdin jippretendu l-atturi hija, se maj, kontinwa u mhux apparenti, u bħala li hija ta' natura tali ma tistax tiġi kostitwita ħlief b'titolu jew bil-preskrizzjoni, jew, skond l-opinjoni ko-

muni ta' l-iskritturi, anki bħala effett "della destinazione del padre di famiglia" (ara Dionisetti, Servitù delle Acque, para. 168). Dwar it-titolu ebda dokument ma ġie prodott sabiex l-istess jiġi pruvata. Dwar il-preskrizzjoni hemm bżonn li l-possessur, oltre kondizzjonijiet oħra, għandu jipprova l-publiċità tad-dritt. Hawn jingħad illi l-ispjera numru 1 mirduma tinsab fil-fond ta' l-atturi, u li hija r-ras tal-mini ta' l-ilma li jiġi riversat fil-ġibjetta "G" sotterraneament għall-kors kollu taħt il-fond ta' l-istess atturi, barra minn minkeb żgħir li jgħaddi minn taħt il-ħabel tal-konvenut adjaċenti għall-għalqa ta' l-atturi fejn hemm l-ispjera numru 1. Dan jista' juri li r-ras tat-tħaffir sotterraneu qiegħed fil-fond ta' l-atturi, u l-minkeb (kif jidher mill-pjanta) mhux ħlief komunikazzjoni tal-fergħa sotterranea li tinsab taħt l-art ta' l-atturi; imma mhux li s-sorġenti jew l-ilma mexxej ta' bilfors, dak li jingħad bit-taljan "avesse capo", qiegħed taħt is-superfiċi tal-fond tal-konvenut u mhux taħt xi fond ieħor ta' ħadd ieħor fuq ir-riħ ta' l-art tal-kontendenti fid-direzzjoni ta' l-ispjera numru 1;

B'dana kollu jingħad, bħala argument, li skond l-art. 501 tal-Kodiċi Ċivili, l-opri viżibili permanenti li jistgħu jgħoddu bħala l-projbizzjoni imsemmija fl-art. 500 ta' l-istess Kodiċi Ċivili jridu jkunu magħmula fil-fond serventi; u ġie deċiż li meta dawk l-opri biex jiġu skoperti jirrikjedu indaġini ta' l-opri ta' l-arti sabiex jingħad taħt liema superfiċi jeżistu, il-publiċità tal-possess tagħhom ġie rilevat li għandha tiġi eskluża, u dan apparti li r-ras tal-mina ta' l-ilma ta' l-atturi tinsab fil-fond tagħhom; imma ġie wkoll deċiż li akkwedott sotterraneu viżibili biss f'partijiet tiegħu jista' jiġi rigwardat bħala xogħol viżibili u permanenti. Jingħad però li fil-każ in diżamina l-unika parti ta' l-akkwedott viżibili hija mill-ġibjetta "G" sa l-ittra "M", li huma 'l bogħod ħafna mill-parti "M", u ċjoè 293' 0", u l-kumplament huwa kollu taħt l-art għal dak it-tul kollu;

Illi in konsegwenza, skond l-art. 360 tal-Kodiċi Ċivili, il-konvenut bħala proprjetarju tal-fond tiegħu seta' jagħmel kwalunkwe opera, u huwa ma kellu ebda obbligu versu l-atturi; almenu dawn l-aħħar imsemmija ma ppruvawx dina l-limitazzjoni, lanqas per mezz ta' servitù tad-destinazzjoni

tal-missier tal-familja ("per destinazione del padre di famiglia");

Illi l-proprjetarju ta' fond huwa padrun mhux biss ta' l-ilma li jimxi taħt il-fond tiegħu, imma anki ta' l-ilma li jitfaċċa taħt l-istess fond; u bħala tali, in forza tad-dritt ta' proprjetà, jista' jħaffer u jagħmel opri u jagħmel kollox sabiex iżomm u jaħżen dak l-ilma, basta li ma jħafferx f'distanza mill-proprjetà viċina ta' ħadd ieħor li hija projbita mil-liġi, u ma jagħmelx dawk ix-xogħlijiet biex biss jagħmel deni lil ħadd ieħor, jew li ħadd ieħor ma jkunx akkwista dwar dak l-ilma drittijiet kif intqal fuq (ara Pacifici Mazzoni, Servitù Legali, paragrafi 65 u ta' wara; Caepolla, de servit. praed. capo 4, numru 52; Pardessus, Delle Servitù, numero 78; Schuster, Del diritto di erigere fabbriche e del diritto di vietarle, dell'uso e non uso delle servitù, ecc., paragrafu XLIX intitolat "È lecito scavare un pozzo, a malgrado che venisse con ciò levata l'acqua al fonte del vicino"; u Baldi, voce Sorgente, Opera Acque Private);

Tikkunsidra;

Illi kwindi t-talba attriċi fil-ħsieb ta' din il-Qorti ma gietx sostanzjata;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad it-talba attriċi; bl-ispejjeż.